**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

**Id-disa' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 07/2024**

**Laqgħa Numru 07**

9 ta Ottubru 2024

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, l-erbgha 9 ta Ottubru 2024 fl-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Marco Agius - Sindku
Noya Spiteri Hammett - Viċi Sindku
Martin Vella - Kunsillier
Rita Gatt - Kunsilliera
Glauber Spiteri - Kunsillier

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Crystal Degabriele –Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Marco Agius ippresjeda din is-seduta Nru 06 għad-disa’ leġislatura

| | |
|---|---|
| **07.01** | **Qari tal-ittri ta’ apoloġiji** |
| **07.01.01** | Ma kienx hemm |
| **07.02** | **Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti** |
| 07.02.01 | Is-segretarju eżekuttiv bagħtet l-minuti tas-seduta numru 6/2024 għad-disa’ leġislatura permezz ta’ imjel lis-sindku, viċi sindku u l-kunsilliera.<br><br>Il-Viċi Sindku Noyah Spiteri Hammet bagħtet korrispondenza fir-rigward tar-referenza tal-minuti.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella ġibed l-attenzjoni fuq punt numru 06.03.33, fejn Marco Agius irrimarka li qed jitlob ukoll it-tneħħija tal-arbli ta’ San Ġwann t’Għuxa, minħabba lmenti riċevuti minn persuni b’diżabilità. Huwa spjega li l-bankina hija dejqa u qed tikkawża inkonvenjent. Għalhekk, qed jagħmel pressjoni sabiex il-Public Works ineħħu dawn l-arbli. Huwa ssuġġerixxa li dawn l-arbli jistgħu jiġu rilokati fi Triq Polverista. Is-Sindku kjarifika li l-arbli mhumiex se jitpoġġew fi Triq Polverista, iżda fi Triq l-Immakulata.<br><br>Il-Kunsillier Martin Vella approva il-minuti tas-seduta numru 6/2024, għad-disa’ leġislatura u l-kunsillier Glauber Spiteri issekonda. |

*2A, ‘The Rest’, St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| **07.03.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 07.03.01 | Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil kunsilliera li l-applikazzjoni giet mibgħuta lil Transport Malta rigward loading/unloading bay quddiem iċ-ċentru tal-anzjani. |
| 07.03.02 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat ukoll li applikazzjoni ta 15 minutes parking fi Triq Matty Grima ġie mibgħut lil Transport Malta. |
| 07.03.03 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat wkoll lil Transport Malta rigward il-problema tal-bus stop bl-isem Riche, fejn il-coaches jipparkjaw fuq dik il-bus stop, u n-nies li jkunu qed jistennew hemmhekk qed jiġu maqbuża minħabba l-coaches, peress li mhux jaraw lin-nies. Għalhekk, ġie suġġerit l-installazzjoni ta' sinjal ta' "No Parking" viċin il-bus stop, flimkien ma' center strip fit-triq biex jippermettu lil karozzi tal-linji jgħaddu direttament u jkomplu r-rotta tagħhom mingħajr interruzzjoni. Nistennew risposta min ghandom hekk kig tiġi evalwatam min naha taghhom. |
| 07.03.04 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil kunsilliera biex il-mozzjonijiet jigu mibghuta 7 tijiem qabel is-seduta biex tkun tista taghmel l-agenda aggornata. |
| 07.03.05 | Is-Segretarju Eżekuttiv avża lil kunsillieri dwar il-bżonn ta' 2 laptops għall-impjegati, kif ukoll monitor. Kunsilliera kolla qablu. |
| 07.03.06 | Is-Segretarju Eżekuttiv avża wkoll dwar l-idea li jinxtraw 2 thermoses, kif ukoll xi sett ta' kikri puliti għall-attivitajiet fil-Kunsill, sabiex inkunu nistgħu narmaw il-boardroom pulita. Kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezjoni. |

| | |
|---|---|
| 07.03.07 | Waqt is-seduta, ġie mqassam id-dokument tal-evalwazzjoni fuq it-tender emballishment of the existing garden fit triq Gubilew tal-fidda f'bormla. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni minn naħa tal-kunsilliera. |
| 07.03.08 | Ġie infurmat ukoll għall-approvazzjoni tal-kunsilliera dwar il-bżonn ta' blinds għall-uffiċċju, sabiex inkunu nistgħu nitfhu l-portelli tal-Kunsill għal dehra aktar sabiħa minn barra. Ma kien hemm ebda oġġezzjoni minn naħa tal-kunsilliera u imorru għal-irħas kwotazjoni. |
| 07.03.9 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil-kunsilliera dwar id-"default notice" tal-Contract Manager għal approvazzjoni tagħhom. Il-kunsilliera kollha approvaw, għalhekk ha tintbagħat id-default notice lill-Contract Manager. |
| 07.03.10 | Is-Segretarju Eżekuttiv informat lil kunsilliera li iltaqgħet ma' tal-Lesa dwar problema ħdejn l-iskola, fejn il-wardens qegħdin isibuha diffiċli ħafna jikontrollaw il-problema tal-karozzi ħdejn l-iskola fit-Triq Alessandra. Għalhekk, talbu għas-sinjali fit-toroq biex tiġi direzzjoni waħda fil-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ mill-iskola. Il-Kunsillier Martin Vella se jkun qiegħed jiltaqa magħhom għal aktar informazzjoni u qbil. Kif ikollna l-qbil, is-Segretarju jkun jista' jieħu passi. |
| **07.04** | **Kommunikazzjoni mis-Sindku** |
| 07.04.01 | Is-Sindku beda billi informa lil kunsilliera dwar konferenza li attenda flimkien mas- Segretarju Eżekuttiv dwar fondi 'Vjal Kulħadd'. Dawn il-fondi ghandom jintuzaw biex nittrasformaw it-toroq u l-ispazji pubbliċi tal-lokalità taghna fi spazji iktar siguri, li jilħqu l-esiġenzi tal-firxa wiesgħa tan-nies waqt li nżewquhom b'aktar siġar u ambjent ħadrani. Dan ix- |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | xahar se nkunu qed napplikaw għal dawn il-fondi, peress li l-applikazzjonijiet jingħalqu fl-aħħar ta' Ottubru.<br>Il-kunsilliera kolla qablu. |
| 07.04.02 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar laqgha ma tourism zones li kellu flimkien ma Segretarju Eżekuttiv nhar il-Ġimgħa 4 ta' Ottubru fejn dawn se jkunu qed jirrestweraw xi bankijiet fiz zona ta hubbard flats kif ukoll quddiem l-ghassa ta bormla. Minn naħa tal-kunsill, kemm jinxtraw l-affarijiet li jkollom bzonn biex jigu trangati. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezjoni. |
| 07.04.03 | Is-Sindku informa lil kunsilliera dwar żjara mil-Ministru Clayton Bartolo fix-Xgħajra ta' Bormla, fejn ġie komunikat li se jkun qed isiru arranġament ta' xi bankijiet u fanali f'dik l-area. Il-kunsilliera kollha qablu li dan il-proġett ma jsirx, u l-flus jintnefqu aħjar, għal raġuni li dik l-area għandha bżonn restawr tajjeb tal-art ukoll. Għalhekk, se nkunu qegħdin nitolbu lill-Ministru biex nerġġħu nitkellmu dwar l-aħjar mod biex tissolva l-problema f'dik l-area. |
| 07.04.04 | Is-Sindku informa wkoll li se jkun qiegħed jitlob biex il-kunsilliera kollha jiltaqgħu u jiddiskutu l-pjan għall-Jum Bormla. Il-kunsilliera kollha qablu li jiltaqgħu ladarba s-Sindku jkollu pjan ta' x'jixtieq li jsir. |
| 07.04.05 | Is-sindku informa li ġejna infurmati minn rappreżentant tal-Learning Support li ser tiġi organizzata mixja għal Pink October, fejn se jieqfu fiż-żona tal-Kunsill. Huma talbuna sabiex nippreparaw ftit tè, kafè, u possibilment xi sandwiches, sabiex jistgħu jagħmlu diskors qasir fuq is-suġġett ta' Pink October. Il-kunsilliera ma sabu l-ebda oġġezjonni u segretarji eżekuttiv ha tkun qieghda tinfurmahom kif inkunu nafu id-data. |
| 07.04.06 | Imejl datat 1 ta' Ottubru mill-Fondazzjoni Kottonera fejn qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex issir l-attività għall-Ewwel tas-Sena. Il- |

| | |
|---|---|
| | Kunsill ma qabilx li tkun fil-post issuġerit fi xatt ir-Risq, kif ukoll s-Sindku informa lil kunsilliera li kien hemm diskussjoni bejn is-Sindku ta' Bormla, Isla, u Birgu dwar din id-deċiżjoni. |
| 07.04.07 | Is-sindku talab li ssir librerija ohra fejn l-iskola fit triq xandru- Lkunsilliera ma sabu l-ebda oggezjoni. |
| 07.04.08 | Is-sindku ghamel talba biex nibdew diskussjoni mal- Ministeru responsabbli mill- annimali.<br>Progett ghal- annimali kollha.Isiru zewg Santwarji kbar ghal qtates u klieb.Isir ukoll sptar,skola dwar dawn l- affarijiet,Cafeterija etc. etc. Proget bejn il- Gvern u l- privat.<br>Kunsilliera qablu. |
| 07.04.09 | Is-sindku talab li il-kunsill ikollu kuntrattur fejn jaghmel xoghol li jkolna bżonn ghar residenti. Kunsilliera kolla qablu li terga tiġi diskussa iktar il-quddiem. |
| 07.04.10 | Is-sindku issugerixa ukoll li l-quddiem jekk ikun hemm xi fondi jsiru tabelli mal-bibien bl-arma ta bormla. Il-kunsilliera qablu. |
| 07.04.11 | Is-sindku talab ukoll li ghal Lejliet il- Milied isiru zewg kuncerti zghar. Wiehed mill-Kor Tota Pulchra b' naqra muzicisti.<br>L- iehor fil- knisja ta' Santa Tereza.<br>Il-kunsilliera qablu li terga diskussa fis-seduta li jmiss wara li jinqara l-annual budget report ghax xahar ta settembru. |
| 07.04.12 | Is-sindku  ghamel talba ohra sabiex mal- faccata ta' l- Universita Amerikana jigi armat dawl. Kemm ghal zmien il- festa kif ukoll ghal |

| | |
|---|---|
| | zmien il- Milied. Il-kunsilliera issugerew li ssir laqa′ mal- Aum, biex jigi diskuss ux possibli li jaghmlu dawl huma. |
| 07.04.13 | Is-Sindku għamel talba biex jitqiegħdu kameras fi Sqaq l-Erwieħ, Triq John Pace, u Triq San Ġwann. Il-kunsilliera ma qablux, għal raġuni li jaħsbu li għal xejn issir kamera ma jmurx ikun hemm xi vendikazzjonijiet u li għandna niltaqgħu mal-Community Police għal aktar infurzar. |
| 07.04.14 | Is-sindku issugerixa ukoll biex nhar ta' Gimgha wara nofsinhar ghal-habta tas- 2.00pm.Haddiema taghna jghaddu jigbru bulky mhux migbur,minhabba l- weekend waqt li irringrazja lil haddiema tax-xoghol li jaghmlu. Il-Kunsilliera qablu ma l-idea pero ma qablux li sir kull gimgha izda qablu li issiru ‘random checks’. |
| 07.04.15 | Is-sindku iddiskuta ukoll  biex ghal zmien il- festi tal- Milied tigi organizzata l- ikla bid- drinks b' kollox.Ghal- haddiema kollha filwaqt li Il-guests ihalsu huma. Kunsilliera qablu u ssugerew li ssir fid data 16 ta’ Diċembru. |
| 07.04.16 | Is-sindku issugerixa li biex fil- bitha tal- kunsil,issir tinda ghax- Xitwa Fis-Sajf titnehha. Kunsilliera kolla qablu. |
| 07.04.17 | Is-sindku issugerixa biex Il- Gimgha d- diehla flimkien mal- Kunsill lokali jilqa lil Ms.Cospicua biex nawgurawla.Kunsilliera kolla qablu li niltaqaw maghha pero ssir fl-ewwel ta novembru. Ha nkunu edin nistaqsu lil Ms Cospicua hijix disponibli. |
| 07.04.18 | il-kunsiliier Glauber Spiteri  baghat imejl fejn hemm aness ritratti bil-problema kbira ta’ skart li hawn fi Triq San Mikiel u qieghed jissugerxi li |

| | |
|---|---|
| | titwehhel camera mal bini. Il-kunsilliera ma qablux ma camera iżda qablu li tigi diskussa mal community police ghal iktar infurzar. |
| 07.04.19 | Is-Sindku xtaq li jkun hemm qbil dwar il-Ground Peppi Delceppo, jekk għandux jingħata tender jew quotations biex jitranġaw is-showers u t-toilets. Barra minn hekk, irid ukoll li niddiskutu dwar il-cafeteria. L-kunsilliera qablu li jigi diskuss hekk kif ikollna risposta jekk ahnix ha niehdu l-fondi mid-DLG jew le. |
| 07.04.20 | Is-sindku informa lil kunsilliera li fis-16 ta' Ottubru, se jsir post-mortem fil-Kunsill ta' Bormla bejn is-6:30 u 9:00 filgħaxija dwar il-cospicua short play festival. |
| **07.5** | **Tweġibiet għall-mistoqsijiet mill-kunsilliera** |
| 07.05.01 | Glauber Spiteri, kunsillier, għamel mistoqsija għall-attenzjoni tas-Sindku u tas-Segretarju Eżekuttiv.<br><br>Huwa staqsa dwar Id-Dawl tal-Mina ta' St Liena ilu zmien jkun mitfi. huwa possibli illi nkellmu lid-Dipartiment sabiex jerġa jibda jixgħel?<br><br>Kid ukoll il-Funtana illi hemm ħdejn il-Ferry max-satt ta' Bormla mhiex taħdem. Lil min nistu' nkellmu sabiex din terġa taħdem ?<br><br>Is-sindku wiegeb dwar il dawl ta st liena fejn qallu li tkellem mal-perit kif ukoll mal engineer fuq restawr u qalilna li bhalissa hemm dawl temporanju u qighdin jgibu quotes ghal-dawl gdid.<br><br>Fuq il-mistoqsija l-oħra ma setax jtih twegiba ghaliex il-funtana taqgha taht works division. |

| | |
|---|---|
| 07.05.02 | Il-Kunsillier Martin Vella staqsa wkoll jekk nistgħux nibagħtu email lil Ministru Chris Bonnet biex ninfurmawh li bħala Kunsilliera u Kunsill, jaqblu li l-baċir numru 1 ma jsirux mażri. Kulħadd qabel għal dan, u s-Segretarju Eżekuttiv se tkun qed tifforma imejl biex tinforma lil Ministru dwar dan. |
| **07.06** | **Approvazzjonijiet ta' Skedi ta' Ħlasijiet** |
| 07.06.01 | Is-segretarja eżekuttiv resqgħet l-iskeda ta' pagamenti numru 06/2024 għad-disa' leġislatura fejn ġew approvati mil-kunsillier Glauber Spiteru u s-sekondati mil Kunsillier Martin Vella, is-Sindku Marco Agius u l-kunsilliera Rita Gatt jaqblu mad din l-iskeda waqt li Vici sindku Noyah Spiteri Hammet astjenit il-pagament numru 2024-887 |
| 07.06.02 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-petty cash għax-xahar ta' Settembru 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn ġew approvati mil-kunsilliera Rita Gatt u l-kunsillier Glauber Spiteri. |
| 07.06.03 | Is-segretarju eżekuttiv resqgħet l-purchase order list għax-xahar ta' Settemrbu 2024 fuq il-mejda tas-seduta fejn approvati mil-kunsilliera Rita Gatt u l-kunsillier Glauber Spiteri. |
| **07.07** | **Mozzjonijiet ( Mozzjonijiet numru 33/2024 – 38/ 2024)** |
| 07.07.01 | **Mozzjoni Numru 33/2024**<br>**Seduta Nru 7/2024**<br><br>Il-kunsillier Martin Vella ressaq mozzjoni sabiex jekk huwa possibbli tinqala il Lantana li hemm fi ''Traffic Island'' fi triq Polverista, dan minhabba li qed tkun ta ostaklu ghal karozzi l aktar ghal dawk li jkunu gejjien minn naha ta isfel.<br>Ritratt anness. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Proponent : Martin Vella<br>Sekondant : Glauber<br><br>Kulħadd qabel b'mod unanimu |
| 07.07.02 | **Mozzjoni Numru 34/2024**<br>**Seduta Nru 07/2024**<br>Il-Kunsillier Martin Vella ressaq mozzjoni oħra biex fil-lettrina ta faċċata tal-kunsill flokk nonfqu l-flus ghal-bawzer ta' kull darba issir meter kif suppost.<br><br>Proponet : Martin Vella<br>Sekondant: Rita Gatt<br><br>Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd. |
| 07.07.03 | **Mozzjoni Numru 35/2024**<br>**Seduta Nru 07/2024 (IX)**<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ressaq mozzjoni sabiex jsiru żewg mascots ghat-tfal li juru tifel u tifla bozmliżi. Dawn il-mascots jkunu jistu jintuzaw ghal hafna attivitajiet li jsiru matul sena.<br><br>Proponent: Glauber Spiteri<br>Sekondant: Martin Vella<br><br>Kulhadd qabel mal-mascot pero mhux tifel u tifla nazlu dissin iehor. |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| 07.07.04 | **Mozzjoni Numru 36/2024**<br>**Seduta Nru 07/2024**<br><br>Il-Kunsillier Martin Vela ressaq mozzjoni sabiex iż-żebra crossinf fejn il-monument tal-gwerra tersaq fejn simons. Dan minħabba li qed ikun hemm diffikultajiet biex bniedem jaqsam ghal-polyclinic.<br><br>Proponent: Martin Vella<br>Sekondant: Glauber Spiteri<br><br>Kulħadd qabel b'mod unanimu. Kif ukoll kien hem qbil biex ssir żebra cross oħra quddiem il każin tal-banda. |
| 07.07.05 | **Mozzjoni Numru 37/2024**<br>**Seduta Nru 07/2024**<br><br>Il-Kunsillier Glauber Spiteri ghadda mozzjoni sabiex jinxtraw 2 floodlights biex jintgħużaw għall-okkażżjonijiet bħall Pink October , mental health awarness, etc etc.<br><br>Talab ukoll biex jiġi ddentifikat post sabiex jinxtel dan id-dawl. Eżempju: Mina ta' St Liena,<br>il-Bridge jew il-Munument tal-Gwerra.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Rita Gatt |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

| | |
|---|---|
| | Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd. L-post iddetifikat huwa il-kunsill. |
| 07.07.06 | **Mozzjoni Numru 38/2024**<br>**Seduta Nru 07/2024**<br>Il-kunsillier Glauber Spiteri iltqajt ma' wieħed mil-perita li ħa ħsieb il-Proġett tal-Mina ta' St Liena. Hu talabni sabiex darba kull tlett xhur jitnehhew l-għeruq mid-ditch u sir zbir ta' siġar li hemm.<br><br>Proponent : Glauber Spiteri<br><br>Sekondant: Rita Gatt<br><br>Dil-mozzjoni ġiet approvata minn kulħadd. Is-segretarju Eżekuttiv ha tkun qieghed titlob biex tiltaqa mal-perit ghal- qbil. |
| **07.08** | **Sejħiet għall-offerti** |
| 07.08.01 | Ma kienx hemm |
| **07.09** | **Rapporti** |
| 07.09.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti ppreżentati f'din is-seduta |
| **07.10** | **Aġġornament tal-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |
| 07.10.01 | Is-Seduta ntemmet fis-6:45pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar il-erbgha 13 ta' Novembru 2024 fil-5:00p.m |

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

Konfermati, illum l-Erbgha 13 ta' Ottubru, 2024

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Marco Agius** | **Crystal Daegabriele** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |